# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1177/2009

## tat-30 ta’ Novembru 2009

## li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta’ applikazzjonijiet għall-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta’ akkwisti ta’ entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 69 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 78 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ ċerti kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE ([3]), u b’mod partikolari l-Artikolu 68 tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE (tat-22 ta’ Diċembru 1994) dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x’jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehimiet milħuqa fil-Laqgħat ta’ negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) ([4]), il-Kunsill ikkonkluda l-Ftehim dwar il-Kuntratti Pubbliċi (minn issa ‘l quddiem “il-Ftehim”) Il-Ftehim għandu jkun applikat għal kwalunkwe kuntratt ta’ xiri b’valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti (minn issa ‘l quddiem “il-limiti”) stipulati fil-Ftehim u indikati bħala drittijiet speċjali ta’ prelevament.

(2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE huwa li jippermetti li l-entitajiet kontraenti u l-awtoritajiet kontraenti li japplikaw dawk id-Direttivi jkunu fl-istess ħin jistgħu jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. Biex jinkiseb dan, il-limiti stabbiliti f’dawk id-Direttivi għall-kuntratti pubbliċi, li huma koperti wkoll mill-Ftehim, għandhom jiġu allinjati sabiex jiġi assigurat li jikkorrispondu mal-ekwivalenti f’euro, imqarrba għall-eqreb elf, tal-limiti stipulati fil-Ftehim.

(3) Għal raġunijiet ta’ koerenza, huwa xieraq li dawn il-limiti jkunu allinjati wkoll fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE li ma humiex koperti mill-Ftehim. Fl-istess ħin, il-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2009/81/KE għandhom jiġu allinjati mal-limiti riveduti kif stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/17/KE.

(4) Id-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE għandhom ikunu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2004/17/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), l-ammont “EUR 412 000” jinbidel b’“EUR 387 000”;

(b) fil-punt (b), l-ammont “EUR 5 150 000” jinbidel b’“EUR 4 845 000”.

(2) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ammont “EUR 412 000” jinbidel b’“EUR 387 000”;

(b) fil-paragrafu 2, l-ammont “EUR 412 000” jinbidel b’“EUR 387 000”.

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 2004/18/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), l-ammont “EUR 133 000” jinbidel b’“EUR 125 000”;

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
([3]) ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.
([4]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

(b) fil-punt (b), l-ammont "EUR 206 000" jinbidel b'"EUR 193 000";

(c) fil-punt (c), l-ammont "EUR 5 150 000" jinbidel b'"EUR 4 845 000".

(2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), l-ammont "EUR 5 150 000" jinbidel b'"EUR 4 845 000";

(b) fil-punt (b), l-ammont "EUR 206 000" jinbidel b'"EUR 193 000".

(3) Fl-Artikolu 56, l-ammont "EUR 5 150 000" jinbidel b'"EUR 4 845 000".

(4) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 63(1), l-ammont "EUR 5 150 000" jinbidel b'"EUR 4 845 000".

(5) L-Artikolu 67(1) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), l-ammont "EUR 133 000" jinbidel by b'"EUR 125 000";

(b) fil-punt (b), l-ammont "EUR 206 000" jinbidel b'"EUR 193 000";

(c) fil-punt (c), l-ammont "EUR 206 000" jinbidel b'"EUR 193 000".

*Artikolu 3*

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/81/KE hija modifikata kif ġej:

(1) Fil-punt (a), l-ammont "EUR 412 000" jinbidel b'"EUR 387 000".

(2) Fil-punt (b), l-ammont "EUR 5 150 000" jinbidel b'"EUR 4 845 000".

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Charlie McCREEVY

*Membru tal-Kummissjoni*